Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/495

4.3.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/495**

**tal-24 ta' Frar 2026**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2217 (EUNAVFOR ASPIDES/1/2026)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, li stabbiliet operazzjoni militari ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES).

(2) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ASPIDES (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").

(3) Fit-22 ta' Ottubru 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2217 ([2]), li ħatret il-Komodor Michail LAMPIRIS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE mis-6 ta' Novembru 2025.

(4) Fid-9 ta' Frar 2026, l-awtoritajiet militari Griegi pproponew il-ħatra tal-Komodor Grigorius NOUSIAS biex jieħu post il-Komodor Michail LAMPIRIS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE (l-"ħatra proposta").

(5) Fid-9 ta' Frar 2026, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE EUNAVFOR ASPIDES appoġġa l-ħatra proposta.

(6) Fil-11 ta' Frar 2026, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Komodor Grigorius NOUSIAS jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-perjodu mit-18 ta' Frar 2026 sal-14 ta' Marzu 2026.

(7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Grigorius NOUSIAS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ASPIDES.

(8) Jenħtieġ li din id-deċiżjoni tapplika mit-18 ta' Frar 2026 sabiex tiżgura kontinwità' fil-kompiti tal-Kmandant tal-Forza tal-UE.

(9) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2217 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Komodor Grigorius NOUSIAS huwa maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) għall-perjodu mit-18 ta' Frar 2026 sal-14 ta' Marzu 2026.

([1]) ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/2217 tat-22 ta' Ottubru 2025 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1224 (EUNAVFOR ASPIDES/4/2025) (ĠU L, 2025/2217, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2217/oj).

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2217 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mit-18 ta' Frar 2026.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2026.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

L. MANDEL VENSILD